# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt

**LEĦEN IL-PARROĊĊA - Frar 2011 - NRU. 341**

Il-Paci Magħkom

Ix-xahar ta' Frar iffakkarna fil-miġja ta' Missierna San Pawl. Iżjed minn hekk iffakkarna fil-fidi tagħna, il fidi li aħna l-Maltin ngħixu b'imħabbba kbira.

Pawlu iltaqa' ma' Kristu Irxoxt u minn dak il-mument minn persekutur ta' insara sar l-ikbar Appostlu fejn wassal u xandar lil Kristu. Int fil-ħajja tiegħek kif qiegħed/qiegħda ixxandar lil Kristu?

Kull persuna hija imsejħa li twassal il-Kelma ta' Alla, kulħadd għandu l-mod tiegħu kif jagħmel dan, imma kemm verament qegħdin nagħmluh? Kemm verament qegħdin inkunu strument f'idejn Alla biex inwettqu il-pjan tiegħu. Għalhekk ejjew nagħmlu xi ħaga u ma noqgħodux lura, ma niddejqux insemmu l-Kristu fil-kliem tagħna, għaliex ħafna drabi illum bilkemm għadek tisma min jitkellem fuqu, jew għaliex qegħdin insiru materjalisti jew inkella għaliex nistħu quddiem l-oħrajn fil-kliem tagħna indaħħlu lil-Kristu. Ħafna kienu jroddu salib fuq tal-linja jew f'karozza kif ukoll tingħad talba qabel l-ikel izda llum sirna donna nistħu niftakru f'Alla u nitolbu l-għajnuna tiegħu. Kif ukoll kont tara' ħafna tfal, adoloxxenti u żgħażagħ, kbar u anzjani sejrin għal quddiesa u ma kienux ifallu waħda. Illum anke il-quddiesa tal-Ħadd qegħdin nonqsu minnha u imbgħad l-iskużi li nġibu għaliex ma smajniex quddiesa. Imma għad fadal fidi fil-ħajja tagħna? San Pawl jgħidilna: **Fidi, Tama' Imħabba** l-ikbar waħda hija l-Imħabba, imma ħuti jekk aħna ma għandniex imħabba sħiħa f'Ġesu' Kristu kif aħna sejrin ngħixu l-fidi tagħna.

Għalhekk ejjew flimkien ngħixu l-Imħabba ta' Kristu, dan ngħamluh billi inkunu veramnet strumenti f'IdejĦ, insibu ħin biex niltaqgħu Miegħu f'imħabba tagħna u inħalluh jibdilna, kif għamel San Pawl mal-mument li iltaqa' Miegħu sar bniedem ġdid. Dan jiddependi minnek jekk verament tixtieq tiltaqa' Miegħu tista',Huwa qiegħed jistenniek, l-għazla hija f'idejk.

Tkunu imberkien
P. Donald. M. Bellizzi OFM. Conv Kappillan

# Ħsieb Spiritwali

## *Mahatma Gandhi*

Gandhi kien mexxej kbir Indjan taħt il-ħakma Ingliża. Huwa dejjem fittex il-progress politiku u soċjali mingħajr il-vjolenza. Ġie maqtul fit-30 ta' Jannar 1948 minn Hindu estrem li kien jara t-tmexxija ta' Gandhi bħala sinjal ta' dgħjufija. Gandhi kien jaf l-Iskrittura sew u sikwit kien jikkwota l-kliem ta' Ġesu' Kristu. Kien iħobb b'mod speċjali d-Diskors tal-Muntanja, li kien dejjem f'moħħu u f'qalbu. Fiċ-ċentru tal-kamra tiegħu, eżatt fuq l-iskrivanija, kellu stampa sabiħa ta' wiċċ Kristu. Meta darba staqsewħ x'jidhirlu fuq il-Kristjaneżmu qal hekk: *"Jien jgħoġobni Kristu tagħkom, imma ma jgħoġbunix il-Kristjani t agħkom. Il-Kristjani tagħkom ma jixbħux lil Kristu tagħkom."*

Dawn li ġejjin huma ftit mill-kliem għaref li lissen Mahatma Gandhi.

- ❖ Obgħod id-dnub, ħobb lill-midneb.
- ❖ Id-dgħajfin qatt ma jaħfru; jaħfer biss min hu b'saħħtu.
- ❖ L-aħjar mod kif tista' ssib lilek innifsek huwa billi titlef lilek innifsek u tingħata għas-servizz ta' l-oħrajn.
- ❖ Alla sikwit jgħaddi minn ħafna provi lil dawk li jkun jixtieq ibierek.
- ❖ Jekk irridu l-vera paċi f'din id-dinja u jekk irridu niġġieldu bis-serjeta' l-gwerer, hemm bżonn nibdew mit-tfal.
- ❖ Jiena nħares biss lejn it-tajjeb ta' ħaddieħor. Jien ukoll għandi d-dgħjufija tiegħi, għalhekk ma nissugrax infittex id-dgħjufija ta' l-ieħor.
- ❖ Jien qatt ma nista' nifhem kif bniedem jista' jifraħ u jitpaxxa meta jara lil ħuħ umiljat u mġarrab.

- Li tkun ħabib mal-ħbieb hija xi ħaġa normali ħafna. Imma li tkun ħabib ma' l-għadu hija l-essenza tal-vera reliġjon.

- Fit-talb aħjar ikollok qalb mingħajr kliem, milli ħafna kliem mingħajr qalb.

- Aħjar att żgħir ta' mħabba mal-proxxmu milli elf ruħ rashom baxxuta jitolbu flimkien.

- Jekk trid lid-dinja tinbidel, inbidel int.

- Meta nkun se niddispra, niftakar li fl-istorja tad-dinja l-imħabba u l-verita' dejjem rebħu. Kull tirann, kull qattiel, għall-ewwel dehru b'saħħithom, imma fl-aħħar ħarġu dejjem telliefa. Ftakar dan dejjem.

- Qatt titlef it-tama fl-umanita'. L-umanita' hija bħal oċejan; jekk ftit qtar fl-oċejan huma maħmuġin ma jfissirx li l-oċejan hu maħmuġ.

- Saffi dejjem il-ħsibijiet tiegħek u kollox imur tajjeb.

- Xejn ma jagħmel ħsara lil ġisem daqs l-inkwiet, u min jgħid li jemmen f'Alla messu jistħi jinkwieta fuq xi ħaġa.



# Rokna għat-Tfal - Frar



nvelopp min

"Tajjeb wisq, aħna nifhmu. Grazzi xorta."

Ir-raġel poġġa idu ma' spallejn il-mara, dar u beda miexi lejn l-isqaq. Hekk kif rathom mexjin bil-pass il-pass, Ruth ħasset xi ħaġa familjari ġewwa qalbha.

"Stenna, stenna," qaltilu Ruth. Il-koppja waqfu u ħarsu lura hekk kif Ruth ġriet lejhom ġo l-isqaq. "Għax ma tiħdux inti dan l-ikel, issa nara jien x'se naghtih il-mistieden." Hekk kif qalet hekk Ruth newlet il-basket lir-raġel.

"Grazzi ħafna sinjorina. Grazzi ħafna."

"Iva, grazzi!" Kienet il-mara ta' dak ir-raġel li tkellmet. Ruth setgħet tara li din kienet qiegħda tterter bil-bard u għalhekk qaltilha, "Jiena għandi ġakketta oħra d-dar. Ha, għax ma teħodhiex inti din?" Ruth ħaliet il-ġakketta u poġġitha fuq spallejn il-mara. Imbagħad daret u mxiet lura bi tbissima fuq wiċċha, mingħajr il-ġakketta u bla ebda ħaġa x'toffri lill-mistieden.

"Grazzi ħafna sinjorina. Grazzi ħafna."

Sakemm waslet id-dar Ruth laħqet keshet silġ u nkwitat ukoll. Il-Mulej

Ħellow tfal !

Kif intom? Nispera li tinsabu b'saħħitkom għax naf li peress li hi ħafna kesħa jista' jkun li hawn minnkom li intom ma tifilħux. Għalhekk jekk int xi tifel jew tifla li ma tiflaħx nawguralek fejqan ta' malajr. Illum, f'dan l-artiklu ser niktbilkom storja li ġiet f'idi m'ilux u lili veru għoġbitni.

Darba kien hemm mara żagħżugħa, Ruth, li f'nofsinhar bħalma tagħmel is-soltu marret tiċċekkja l-kaxxa ta' l-ittri. Kien fiha ittra waħda biss. Hi qabditha u ħarset lejn l-envelopp qabel ma fetħitha. Innutat li la kien fiha bolla u lanqas timbru tal-posta. Kien fih biss isimha u l-indirizz. Fetħitu u bdiet taqra l-ittra:

**Għażiża Ruth,**
**Jien ser inkun indur fil-viċinanzi tad-dar tiegħek nhar is-Sibt filgħaxija u nixtieq nieqaf għandek għal żjara qasira.**
**Dejjem tiegħek,**
**Ġesu'**

Idejha bdew jirtogħdu u poġġiet l-ittra fuq il-mejda. Bdiet issaqsi lilha nnifisha dawn il-mistoqsijiet. "Għalfejn il-Mulej irid jiġi għandi? Jien m'għandi xejn aktar speċjali minn ħaddieħor. M'għandi xejn x'noffrilu!"

B'dak il-ħsieb f'moħħha Ruth ftakret li l-friġġ kienet vojta u veru ftit kien fadlilha ikel. Qabdet il-portmoni u bdiet tgħodd kemm kien fadlilha flus. Ftit ċenteżmi kien fadlilha. "Għall-inqas nista' nixtri ftit ħobż u perżut, " qalet bejnha u bejn ruħha. Tefgħet il-ġakketta fuqha u marret tiġri tixtri. Xtrat ħobża mqatta' u perżut u kartuna ħalib. Issa kienet kuntenta li kellha x'toffrilu lil Ġesu'. Waqt li kienet mitlufa fil-ħsibijiet semgħet xi ħadd jgħajtilha. "Sinjorina, tista' tgħinna? Ruth tant kienet aljenata li lanqas biss indunat li kien hemm żewġ persuni fl-isqaq: raġel u mara li kienu libsin ħwejjeġ irqaq ħafna fuqhom u kienu qed jirtogħdu bil-bard. "Isma ftit, sinjorina, jiena u l-mara tiegħi bla xogħol u ilna ngħixu f'dan l-istat għal żmien twil. Issa qed jiksaħ ġmielu u għandna ħafna ġuħ. Tista' tgħinna? Ruth ħarset lejhom: kienu maħmuġin u qishom bla saħħa.

"Nixtieq ngħinkom imma jien mara fqira bħalkom. Kull m'għandi dan il-ħobż u l-perżut u għandi mistieden speċjali lllejla. Fil-fatt għalih xtrajthom dawn.

Ir-raġel weġibha, "Tajjeb wisq, aħna nifhmu. Grazzi xorta." Ir-raġel poġġa idu ma' spallejn il-mara, dar u beda miexi lejn l-isqaq. Hekk kif rathom mexjin, Ruth ħasset xi ħaġa ġewwa qalbha. "Stenna, stenna," qaltlu Ruth. Il-koppja waqfu u ħarsu lura. " Ħuduh intom dan l-ikel. Issa nara jien x'ser nagħtih lill-mistieden." Hekk kif qalet hekk Ruth newlet il-basket lir-raġel. "Grazzi ħafna sinjorina." Hekk kif qalulha hekk, Ruth indunat li l-mara kienet qed itterter bil-bard u għalhekk qaltilha, "Jiena għandi ġakketta oħra d-dar. Ħu din." Irringrazzjawha u Ruth daret u mxiet lura bi tbissima fuq wiċċha, mingħajr il-ġakketta u bla ebda ħaġa x'toffri lill-mistieden. Sakemm waslet id-dar Ruth laħqet kesħet silġ u nkwetata wkoll għax il-Mulej kien ser jiġi jżurha u hi ma kellha xejn x'toffrilu. Bdiet tgerfex fil-portmoni biex issib iċ-ċavetta hekk kif lemħet envelopp ieħor fil-kaxxa ta' l-ittri. " Din stramba. Il-pustier qatt ma jgħaddi darbtejn fl-istess ġurnata!" Qabdet l-envelopp, ħarġet l-ittra u bdiet taqra:

**Għażiża Ruth,**

**Ħadt gost ħafna li ltqajt miegħek. Grazzi għal dak l-ikel u grazzi wkoll għal dik il-ġakketta sabiħa.**

**Dejjem tiegħek,**

**Ġesu'.**

Tfal, nispera li għoġbitkom din l-istorja. Ruth veru kellha qalbha tajba għax għenet lil dik il-koppja. Int ser tagħmel bħalha? Aħna għandna nkunu bħal Ruth il-ħin kollu. Inħallu lit-tfal jilagħbu magħna, insellfu l-affarijiet u ngħidu kliem sabiħ lil xulxin, ngħinu lil xulxin, u aktar .... Ftakru tfal li kull ħaġa tajba li nagħmlu ma' ħaddieħor nkunu qed nagħmluha ma' Ġesu. B'hekk Ġesu' veru jieħu gost bina!.... Narakom u sadanitant nawguralkom għall-eżamijiet ta' nofs is-sena!

Marie Claire

# FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

## Napprezzaw aktar lil xulxin....

L-ewwelnett nispera illi kellkom bidu tas-sena tajba u li issa kulħadd reġa’ ssettilja fir-rutina u s-sena kompliet miexja tajjeb.

Illum xtaqt nikteb xi riflessjonijiet dwar ġrajja kiefra li laqtitni dan l-aħħar. Din hi dwar inċident li seħħ ftit tal-jiem ilu f’pajjiżna meta missier żagħżugħ miet meta kien qed jedha fl-għalqa tiegħu u kellu inċident bil-mutur tal-ħart. Naħseb li kulħadd ħass qalbu tingħafas għal dan ir-raġel, kif ukoll għall-mara tiegħu u t-tarbija tagħhom ta’ erba’ xhur biss! Tajjeb li nirriflettu dwar xi tkun ir-reazzjoni tagħna meta jiġru inċidenti bħal dawn. Ikun hawn min jiddeċiedi li ma jaħsibx ħafna dwarhom, għax inkella jsewwed wisq qalbu. Ikun hawn oħrajn illi jitnikktu ħafna, bħal donnu dan l-inċident ġara lilhom jew lil xi ħadd qrib ħafna tagħhom. U jkun hawn min jirrifletti dwar dak li ġara u jitgħallem kif għandu jgħix aħjar; forsi tiġi konxju kemm ma tapprezzax lil dawk ta’ madwarek u tiddeċiedi illi tibda tapprezzahom iktar; forsi tirrejalizza illi f’dak il-jum illi din il-mara żagħżugħa tilfet lil żewġha, inti kellek xi tgħid mar-raġel tiegħek għax ħalla ħafna mbarazz; forsi tirrejalizza li f’dan il-jum li dan ir-raġel infired għal dejjem minn ibnu inti wasalt id-dar tant tard mix-xogħol illi uliedek kienu diġa’ raqdu.

Dak li qed nipprova ngħid hu illi tajjeb li naraw x’nistgħu nibdlu fl-imġieba tagħna ta’ kuljum wara li aħna nkunu rriflettejna dwar inċidenti sfortunati bħal dawn. U tajjeb li napprezzaw il-ħwejjeġ żgħar u ta’ kuljum li jkun hemm f’ħajjitna. U fuq kollox tajjeb li napprezzaw lill-persuni li magħhom inkunu qed naqsmu ħajjitna, u aktar importanti hu li nuru dan l-apprezzament. Mhux kulħadd huwa mrobbi f’familja fejn dan l-apprezzament jintwera b’mod miftuħ.

Ikun hemm familji li huma tassew familji tajba, u li fihom il-membri jħobbu lil xulxin b’mod sinċier, illi ma jurux l-emozzjonijiet tagħhom

lejn xulxin. Fil-waqt li kull familja hija differenti naħseb li hemm lok ukoll fejn aħna nippruvaw ninbidlu, u forsi nkunu aktar miftuħa ma' uliedna. Iż-żminijiet jinbidlu, u magħhom għandna nkunu lesti li ninbidlu aħna wkoll, ovvjament jekk dan ikun bdil u żvilupp għall-aħjar. Ma ninsewx illi t-tfal tal-lum qed isibu dinja differenti milli sibna aħna. Id-dinja tal-lum tlellex ħafna aktar milli kienet tlellex tagħna, u għalhekk aħna rridu nkunu preparati għal dan.

Meta kont żgħira ġieli kont nistaqsi lil ommi jekk tħobbnix, u hi kienet tieħu għaliha u tgħidli li ma kellix għalfejn nistaqsieha din il-mistoqsija. Iżda naħseb illum wasalna f'punt fejn hemm bżonn illi kontinwament ngħaddu messaġġi pożittivi ċari lil uliedna- m'għadux żmien fejn aħna ngħidu "U huma ma jafux li nħobbhom, nagħmel dan kollu għalihom!". U dan sar daqshekk importanti għax il-kompetizzjoni li toffri d-dinja hija waħda ħarxa. It-tfal huma bbumbardjati minn messaġġi differenti li jaslu minn kullimkien, u ma baqalniex daqshekk kontroll fuq x'messaġġi jaslu għand it-tfal mid-dinja ta' barra l-familja. B'hekk aktar ma jirnexxielna ngħaddulhom messaġġi ċari, aktar hemm ċans li l-messaġġi tagħna jibqgħu magħhom meta huma jaffaċċjaw il-bqija tad-dinja. U anki jekk huma jafu li nħobbuhom, kemm hi ħaġa sabiħa illi jisimgħuna ngħiduhielhom spiss!

U tajjeb ukoll li nżommu f'moħħna illi mhumiex it-tfal biss li jieħdu gost jisimgħu kliem pożittiv iżda l-adulti wkoll!

Daniella Zerafa



# Kalendarju Frar

**It-Tlieta:** **Il-Presentazzjoni ta' Ġesu' (Gandlora)**

**Il-Ħamis 3**: Adorazzjoni fis-seminarju tal Virtu'

**Is-Sibt 5**: Fil-5.00pm Adorazzjoni b'riparazjoni għal-offizi li jsiru lill Qalb ta' Ġesu u Marija.



**Il-Ħadd 6:** Film Forum immirat għal familja. Fit-3.30pm ser ikun hemm film u wara diskussjoni minn Dun Pawl Camilleri.
Dan ser issir fiċ-Ċentru Parrokjali.

**It-Tlieta 8: Adorazzjoni tal-Ħniena Divina,** fil-5.00pm Ruzarju meditate u wara adorazzjoni. Jieħdu ħsieb il-Kummisjoni Liturgija.

**L-Erbgħa 9 :** Lectio Divina wara l-quddiesa ta' Filgħaxija.

**Il-Ħamis 10: Festa ta' Missierna San Pawl:**
Fid-9.00am Manifestazzjoni mill-Scouts u Purċisjoni bil-Kwadru ta' Missierna San Pawl mill-Parroċċa għall-Kappella ta' San Pawl Milqi, fejn tinxtgħel il-Ħuġġieġa u jinqraw xi poeziji.
Fl-10.00am Quddiesa fl-istess kappella, animata mill-kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija. Jipriiedka P. Alfred Calleja Ofm Conv.

**Is-Sibt 12:** Fis-7.30pm Quddiesa għall-familji, fil-Knisja imexxi Dun George Dalli.

**Il-Ħadd 13**: Laqgħa Gruppi Familji Insara fl-10.30am

**L-Erbgħa 23:** Lectio Divina wara l-quddiesa ta' filgħaxija

**Il-Gimgħa 25:** Ir-raba' laqgħa fuq il-kmandamenti fl-4.30pm fil-Knisja.